



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6565/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0038 (NLE)

PECHE 67

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja
tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra,
u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2019 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim ta' sħubija ġdid dwar is-sajd sostenibbli u protokoll ta' implimentazzjoni ġdid tiegħu.
- (2) In-negozjati ntemmu b'suċċess bl-inizjalar, fil-11 ta' Jannar 2021, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija") l-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll").
- (3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra¹, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2007.

¹ ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4.

- (4) L-għan tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni , lill-Gvern tad-Danimarka u lill-Gvern ta' Greenland jaħdmu flimkien aktar mill-qrib sabiex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Greenland.
- (5) Sabiex jiġi żgurat bidu bla dewmien tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Sħubija u mal-Artikolu 12 tal-Protokoll, jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu applikati fuq bażi proviżorja sa mid-data tal-iffirmar tagħhom.
- (6) Għaldaqstant, il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jenħtieġ li jiġu ffirmati u applikati fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dawk l-atti¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll fisem l-Unjoni.

¹ It-testi tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huma ppubblikati fil-ĠU L...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna r-referenzi tal-ĠU tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll li jinsabu fid-dokument ST 6380/21.

Artikolu 3

Skont l-Artikolu 15 tiegħu, il-Ftehim ta' Sħubija għandu japplika b'mod proviżorju sa mid-data tal-iffirmar tiegħu¹, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Skont l-Artikolu 12 tiegħu, il-Protokoll għandu japplika b'mod proviżorju sa mid-data tal-iffirmar tiegħu¹, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu..

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ *fid-data tal-adozzjoni tagħha*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data li minnha ser jibdew japplikaw b'mod proviżorju l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.